**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Diċembru 2021**

Kawza Numru: 18/2017 (MS)

**Francesco Azzopardi**

**vs**

**Marita Grech**

It-Tribunal

Ra l-avviż ippreżentat mill-attur fid-29 ta' Marzu 2017 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallsu l-ammont ta' elf u mitejn Euro, rappreżentanti ħsarat ikkawżati minnha fil-propjeta' tal-attur Block HA, Triq taċ-Ċawla, Victoria Għawdex, f'Settembru 2016.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn dina eċċepiet illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi

1) d-danni sofferti mill-attur ġia ġew likwidati b'mod definittiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrat (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2017.

2) mingħajr preġudizzju għall-premess l-ammont ta' danni reklamati huma żbaljati u esaġerati u assolutament ma kienx minnu li r-rikorrent sofra l-

ammont reklamat minnu.

3) wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-każ li t-Tribunal jidhirlu li hemm xi danni li għandhom jiġu likwidati, l-ammont ġia stabbilit mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jonqos mill-ammont allura likwidat.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tal-14 ta' Lulju 2017 fejn il-partijiet talbu l-allegazzjoni tal-kawża kriminali numru 746/2016 - Il-Pulizija vs Marita Grech, deċiża fl-10 ta' Jannar 2017.

Ra d-dikjarazzjoni tal-partijiet fl-istess verbal, fejn wara is-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq imsemmija, il-konvenuta ħallset l-ammont ta' mitejn Euro deċiż arbitrio bono viri mill-Qorti Kriminali.

Ra s-sentenza ta' dan it-Tribunal fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidra

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta diġa ġiet miċħuda permezz ta' sentenza preliminari tal-20 ta' Diċembru 2017 u għalhekk it-Tribunal sejjer jikkunsidra l-eċċezzjonijiet l-oħra fuq il-mertu.

Illi rriżulta mill-provi illi l-attur Francesco Azzopardi jirrisjedi fl-ewwel sular ta' blokka ta' appartamenti fi Triq taċ-Ċawla, Victoria. Fix-xhieda tiegħu, huwa jgħid li fit-13 ta' Settembru 2016 kien fl-appartament tiegħu mal-partner Josephine Sultana u mat-tifla tagħha. F'ħin minnhom, wara l-bieb tiegħu stess, sema' koċċ tkissir, għajjat u theddid, kif ukoll tħabbit mal-bieb bl-idejn u bis-saqajn. Igħid li l-konvenuta qalgħatlu s-serratura tal-bieb, pero' mhux kollu u l-bieb baqa' magħluq u hedduh li jekk ma jiftaħx il-bieb kienu ser jifqgħu l-bieb iktar. Kellu frames antiki min-naħa ta' ommu u ta' missieru u semagħhom jitkissru u x'ħin fetaħ il-bieb sab lil konvenuta Marita Grech u lil ommha li bdew jhedduh, u kellu

jġib il-pulizija. Fil-fatt istitwixxa wkoll proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenuta, fejn il-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas mitejn Euro.

L-attur esebixxa numru ta' ritratti tal-allegat ħsara u numru ta' quotations sabiex tiġi rranġata l-ħsara kkawżata b'riżultat ta' dan l-inċident. Esebixxa stima ta' bieb "Tulip" għal prezz ta' sitt mitt Euro datat 23 ta' Settembru 2016. L-attur qal illi l-bieb tad-dar tiegħu huwa bieb tal-gvern antik li kien diġa' hemm meta mar igħix fil-post u li l-bieb huwa miksur fil-parti fejn teħel is-serratura. L-attur esebixxa wkoll stima ta' serratura tal-Mottura mingħand Rapa Showrooms għal prezz ta' €108.45 datat 20 ta' Settembru 2016; stima għal żewġ frames ammontanti għal €160.00 u stima għal żewġ važuni bil-fjuri għal prezz ta' €340.00.

Xehdu Silvio Rapa u Karen Zammit dwar il-quotations, fejn it-tnejn qalu illi għalkemm huma kienu ħarġu dawn il-quotations m'għadhomx jiftakru il-kaz li jmur lura ghal 2016. Rapa qal illi meta hu jintalab jagħti stima huwa jagħti prezz ta' dak li jiġi mitlub jagħmel u f'dan il-każ ma rax ritratti qabel u għalhekk ma bbażax l-istima fuq l-ebda ritratti.

Zammit qalet illi fuq l-istima tal-bieb, lanqas ma kien hemm mobile phone tal-klijent u qatt ma marret tara dan il-bieb biex fuq il-post. Fuq mistoqsija ta' kif wasslet għall-istima ta' sitt mitt Euro, ix-xhud qalet illi ma kellhiex ideja kif ħarġet l-istima.

Illi xehdet ukoll Marita Grech, il-konvenuta, li kkonfermat illi ommha toqgħod f'appartament tal-Housing fl-istess blokka, li jiġi f'livell ogħla minn dak tar-rikorrenti u l-partner tiegħu Josephine Sultana. Dak inhar tal-inċident hija marret għand ommha u ratha inkwetata. Il-konvenuta tgħid illi r-rikorrent u l-partner tiegħu kienu dejjem ħsiebhom fin-nies u jaqbdu ma' dak u mal-iehor. Ommha kienet qaltilha li meta ġabbret iċ-ċekk mill-kaxxa tal-ittri kienet innutat ili ċ-ċekk kien magħluq bil-kolla u kien jidher imbagħbas. Il-konvenuta qalet li x'ħin rajt lil ommha f'dak li stat, ma felhitx iktar, niżżlet fis-sular tar-rikorrent u ħabbtet fuq il-bieb tiegħu bil-galbu. Pero' r-rikorrent ma fetaħx il-bieb u ħalliha tistenna barra. Filwaqt illi tinnega illi għamlet il-ħsara kollha li qed jintalab, hija qalet illi

dehret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn il-Qorti dakinhar fehem eżattament x'kien ġara u kien stabilixxa kumpens ta' mitejn Euro li hi kellha tħallas lil Azzopardi. Qalet ukoll illi r-rikorrent ma nstallax bieb tat-Tulip jew serratura tal-Mottura, u li s-serratura li hemm eżistenti fuq dan il-bieb huwa wieħed komuni.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni għal ħsarat ikkaġunati mill-konvenuta fil-propjeta' tal-attur. Fir-risposta tagħha, l-konvenuta, filwaqt illi tirrikonoxxi illi għamlet xi tip ta' ħsara, tgħid illi m'għamlitx il-hsara kollha reklamat mill-attur u li d-danni sofferti mill-attur diġa ġew likwidati mill-Qorti tal-Maġistrati b'mod definittiv; tgħid ukoll illi mingħajr preġudizzju, l-ammont reklamat mill-attur huwa esaġerat u li jekk dan it-Tribunal jidhirlu li għad baqa' xi danni li għandhom jiġu likwidati, l-ammont ta' mitejn Euro għandu jitnaqqas mill-ammont likwidat.

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta li d-diverġenza bejn il-partjiet hija għar-rigward tal-ammont tad-danni mitlub u l-allegata ħsara li saret fil-propjeta' tal-attur.

Ikkunsidra

It-Tribunal għandu quddiemu tlettax ir-ritratt illi mhumiex daqstant ċari. Ir-ritratti juru važuni u fjuri mal-art, frames imkissirn, biċċiet tal-injam u anke ħsarat fil-ħajt u fil-bieb. Pero' dawn ir-ritratti mhumiex konklussivi u ma tantx igħinu l-attur fl-istanza tiegħu. Minn dak li t-Tribunal seta' jikkonstata, is-serratura mal-bieb tal-attur hija serratura komuni, kif xehdet il-konvenuta.

Illi huwa principju ben saput illi min jallega irrid jipprova, u f'każijiet bħal dawn, fejn qed tintalab danni, l-attur għandu d-dmir illi jressaq l-aħjar prova tad-danni li realment sofra. Kellu jressaq stima ta' perit illi għamel spezzjoni fil-fond u kkonstata l-ħsarat illi kien hemm. Minn dan m'għamel xejn. Filwaqt illi ppreżenta diversi stimi, dan ma jfissirx li t-Tribunal għandu jaċċetta dawn l-istimi tal-

attur b'għajnejh magħluqa, għaliex minn dak li hareġ fix-xhieda, dawn l-istimi sempliċiment intalbu jinħarġu mill-attur u ma kienux ibbażati fuq l-ebda aċċess fuq il-post. Għalhekk it-Tribunal mhux ha jimponi tali stimi fuq il-konvenuta fl-intier tagħhom, meta hu stess mhuwiex sodisfatt dwar l-eżattezza tagħhom.

Pero', b'danakollu, ma hemmx dubju illi l-konvenut għamlet il-ħsara, u ta' dan l-attur ħaqqu jieħu xi forma ta' kumpens. L-eserċizzju ta' dan it-Tribunal issa, huwa li jiddetermina jekk l-ammont diġa' mħallas mill-konvenuta ta' mitejn Euro huwiex biżżejjed, u jekk le, il-kumpens li l-attur għandu jieħu, wara li jittieħed in konsiderazzjoni l-ammont ta' mitejn euro diġa' mħallas mill-konvenuta. Ir-ritratti esebiti juru frames imkissrin mal-art u diversi biċċiet tal-injam, apparti ħsara fis-serratura u fil-bieb u għalhekk it-Tribunal jidhirlu illi għandu jkun xi tip ta' kumpens oltre dak diġa' imħallas.

Tenut kont ta' dak diġa imħallas, it-Tribunal ser jiffissa l-ammont ta' kumpens ex aequeo et bono fl-ammont ta' erba' mitt (400) Euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tal-attur u jikkundanna l-konvenuta tħallsu s-somma ta' erba' mitt (400) Euro. Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

(ft) Michela Spiteri

Gudikant

(ft) Daniel Sacco

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur